**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 104 – IT-TNEJN, 14 TA' MEJJU 2018 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 103**

1.1 Kien hemm żewġ korrezzjonijiet. Fil-paragrafu 6.1 għandha tidħol "Kull kuntrattur li jintgħażel, anke temporanju, għandu jkun magħżul mill-Kunsill, kif dejjem sar". Fil-paragrafu 2.3 għandha tidħol "Is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet fiex wasal il-proċess tat-translok temporanju tal-Kunsill. Għandha toħroġ sejħa pubblika. Din għandha ssir wara kjarifika mid-DLG". Kien hemm qbil fuq dawn il-korrezzjonijiet.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 103**

2.1 Dwar paragrafu 6.1, is-Sur Dominic Cassar talab li għandhom jitneħħew dawk il-U bollards li huma mkissrin. Hu lmenta wkoll li hemm dgħajsa u trailer fit-toroq Salvu Busuttil u l-Arżnu.

Is-Sur Mikhail Micallef daħal għal-laqgħa fis-6.20pm.

**3 Pagamenti Numru ~~90~~ 91**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Ġie innutat li l-Kunsill irċieva arbitraġġ għal ħsara li saret fuq karozza f'kulvert fi Triq Birkirkara. Ġiet innutata li din it-triq mhux biss hija waħda arterjali imma wkoll tinsab f'konfini ta' Kunsill ieħor. Għandha tintbagħat risposta b'dawn l-osservazzjonijiet.

4.2 Kien hemm diskussjoni dwar ir-risposta tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi dwar il-proposta biex il-Farm li hemm f'Wied Għomor isir uffiċini. Għandha ssir follow-up mas-Swieqi fuq din.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm qbil unanimu li tiġi milqugħa t-talba għal safety bollards fi Triq il-Kunċizzjoni kantuniera ma' Triq in-Naxxar.

5.2 Kien hemm qbil li jsiru U bollards fi Triq Giorgio Preca biex ma jkunx hemm parkeġġ fuq il-bankina.

5.3 Kien hemm qbil li jiġu provduti 2 mobile toilets għal clean up li ser issir f'20 ta' Mejju f'Wied Għomor.

5.4 Kien hemm qbil li jinxtraw 20 voucher ieħor għal cat neutering.

5.5 Kien hemm qbil li jiġi ffirmat il-kuntratt ma' Refab dwar il-ġbir ta' ħwejjeġ mill-bring in sites.

5.6 Kien hemm qbil li ma tiġix aċċettata l-proposta ta' kumpanija oħra biex jibda jsir ġbir ta' ħwejjeġ door to door.

5.7 Dwar Mertu San Ġwann, is-Sinjura Joan Farrugia irtirat in-nomina tagħha, is-Sinjura Cherlie Grech u minflok innominat lis-Sur Jason Sciberras li hu tiratur. Kien hemm qbil unanimu li Mertu San Ġwann jingħata lis-Sinjuri Inez Farrugia, Liliana Vassallo, Emil Calleja Bayliss, Xavier Spiteri u Jason Sciberras.

5.8 Kien hemm diskussjoni dwar il-programm ta' Jum San Ġwann. Għandu jiġi ppreżentat programm komplet kif ukoll stimi fil-laqgħa li jmiss.

Is-Sur Neville Mallia skuża ruħu mil-laqgħa fis-7.05pm.

5.9 Wara komunikazzjoni mas-Sindku, ġie deċiż li ser issir laqgħa biex isir ġemellaġġ mal-Kunsill ta' Comoso. Kif ġie kkommunikat lis-Sindku mid-DLG, il-Kunsill jista' jħallas din l-ispiża tas-safar lis-Sindku jew lil Viċi Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv biss. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu ma jistax jattendi u minflok talab lil Viċi Sindku tattendi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu ma jistax jattendi. Għalhekk ser tattendi biss il-Viċi Sindku.

## 6 Affarjiet ohra

6.1 Is-Sinjura Joan Farrugia lmentat li qed ikun hemm min joħroġ l-iskart fil-ġranet ħżiena u qed ikun hemm anke ġrieden minħabba f'hekk. Għandu jiġi nfurmat il-warden dwar dan. Hi ppreżentat fuljett maħruġ mill-iscouts ta' San Ġwann, "it-Tinda".

6.2 Is-Sur Trevor Fenech ilmenta dwar il-kontenut ta' żewġ tabelli li twaħħlu fil-Ġnien Karin Grech. Hu ppropona li tinbidel biex tinqara "Dawn il-bandli tneħħew minħabba perikli li kien hemm". Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Is-Sindku rrisponda li jekk isir hekk tirrifletti biss ir-raġuni li tneħħew u mhux ir-raġuni għalfejn għadhom ma sarux bandli ġodda. Kien hemm 2 favur u 4 kontra.

064

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 4 ta' Ġunju 2018 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**